# Żewġ kwadri bix-xbieha ta' San Pietru



Mario Fenech



*fil-knisja San Publiju fir-Rabat*

Wieħed mill-artisti l-kbar li għexu matul is-seklu tmintax bejn is-sena 1710 u s-sena 1773 kien is-Senglean Francesco Vincenzo Zahra.

Huma ħafna x-xogħlijiet kbar tiegħu li nsibu fil-knejjes tagħna. Dan l-artist ħallielna patrimonju kbir ta' xogħol artistiku mil aqwa li fuqu mxew bosta segwaċi tiegħu fix-xogħlijiet tagħhom.

Fost dawn il-kwadri nsemmu tnejn li fihom pinġa xeni mill-isbaħ tat-twaqqif tal-Ewkaristija Mqaddsa. Dawn jinsabu wieħed fil-kappella tas-Santissmu Sagrament fil-Bażilika ta' Santa Elena f'Birkirkara u l-ieħor fil-Knisja ta' San Publiju li hemm annessa mal-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat Malta.

F'dawn iż-żewġ kwadri l-artist għażel li jagħti importanza lil figura ta' San Pietru, il-blata li fuqu kellha tinbena l-Knisja.

Fil-kwadru tal-Knisja ta' San Publiju fi-Rabat, fejn pitter ukoll il-kwadri tal-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' dak ta' Sant Antnin ta' Padova fejn f'din ix-xena naraw lil San Pietru għarkupptejh fl-art b'idejh ma' xulxin iserrħu mill-minkeb fuq banketta żgħira. Hawn narawh qed josserva lil Ġesù qiegħed iżomm l-Ostja Mqaddsa ftit il-fuq mill-kalċi. Id-dixxipli l-oħrajn jidhru mdawwrin mal-mejda jaraw din il-ġrajja kbira qed iseħħ quddiemhom.

Fejn riġlejn Ġesù quddiem San Pietru jidhru żewġ imfietaħ kbar li jindikaw dak li kellu jagħmel dan il-qaddis fit-tmexxija tal-Knisja mwaqqfa minn Ġesù Kristu fuq din l-art.



*fil-Bażilka Sant'Elena B'kara*

Fil-kwadru l-ieħor, dak ta' Birkirkara li pinġieh flimkien mal-kwadru Titulari tal-istess Knisja fis-sena 1763, ix-xena hija kważi l-istess, bid-differenza li lil Ġesù l-artist pingieh bil-wieqfa. F'din ix-xena l-id il-leminija ta' Ġesù, bħal fil-kwadru tar-Rabat qiegħda żżomm l-Ostja mbierka ftit il-fuq mill-kalċi li hemm fuq il-mejda.

F'dan il-kwadru wkoll naraw lil San Pietru għarkupptejh fl-art b'idejh ma' xulxin iħares 'il fuq lejn din ix-xena divina. Fl-art bejn il-figuri ta' San Pietru u San Ġwann iż-żgħir jidhru wkoll żewġ imfietaħ kbar. Il-kumplament tax-xena kif ukoll il-kuluri ta' dawn iż-żewġ xogħlijiet, tista' tgħid li huma kważi identiċi bi ftit differenzi li hemm hija fil-kwadru ta' Birkirkara fejn tidher il-figura tal-Missier Etern fil-parti ta' fuq tat-tila flimkien mal-Ispirtu s-Santu.

Żewġ kwadri ta' livell artistiku kbir li fihom Francesco Zahra mhux biss jagħtina x'nifhmu kemm hija ta' importanza kbira din il-ġrajja tat-twaqqif tal-Ewkaristija minn Ġesù fuq din l-art, iżda wkoll il kobor ta' San Pietru bħala kap tal-Knisja.